# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021**

## Talba numru 311/2020SFJ

***GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutrico Limited sia bil-polza u sia bil-liġi u kif ukoll l-istess John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutrico Limited (C55486)***

***vs.***

***Naief Mahmoud (34272A) u George Galea (41573M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuhom is-somma komplessiva ta' tlett elef u sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€3,006.99) inkwantu ħamsa u ħamsin Ewro (€55.00) dovuti lil John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza ta' Cutrico Limited filwaqt li l-bqija kienu dovuti lil GasanMamo Insurance Limited rappreżentanti danni sofferti li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi;

Ra li l-konvenuti ġew innotifikati bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali;

Ra li l-konvenuti ma ppreżentaw ebda Risposta jew sottomissjoni oħra kwalsiasi u lanqas dehru għal xi udjenza sabiex jikkontestaw il-kawża; u

Sema' ix-xhieda ta' Andrea Bondin, prodott mil-istess atturi, li xehed fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2021, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2021.

**Provi mressqa**

It-Tribunal ra li fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2021 xehed Andrea Bondin, prodott mis-soċjetà attriċi. Dan xehed li l-konvenuti kienu debituri tal-atturi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tax-xhieda ta' Andrea Bondin, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€3,006.99) inkwantu ħamsa u ħamsin Ewro (€55.00) dovuti lil John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza ta' Cutrico Limited filwaqt li l-bqija kienu dovuti lil GasanMamo Insurance Limited rappreżentanti danni sofferti li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li sema' ix-xhieda ta' Andrea Bondin u qara l-atti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€3,006.99) u jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess ammont lill-atturi.

It-Tribunal jordna li l-interessi għandhom jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u li għandhom jiġu kkalkulati kif mitlub fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva jitħallsu mill-konvenuti.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**